A.L. 37 ta' l- 2003

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL
(KAP. 424)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar,

Arranġament tar-Regolamenti

1. Isem u bidu

2. Għan

3. Tifsir

4. Applikazzjoni

5. Dmir ġenerali

6. Notifiki

7. Politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar

8. Rapport tas-sigurtà

9. Reviżjoni u eżaminazzjoni tar-rapport tas-sigurtà

10. Pjanijiet ta' emerġenza

11. Reviżjoni u ttestjar tal-pjanijiet ta' emerġenza

12. Għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku

13. Għoti ta' informazzjoni lill-awtorità kompetenti

14. Għoti ta' informazzjoni lil stabbilimenti oħrajn

15. Għoti ta' informazzjoni mill-awtorità kompetenti

16. L-awtorità kompetenti

17. Projbizzjoni ta’ l-użu

18. Spezzjonijiet

19. Kunfidenzjalità

20. Infurzar

Skeda 1

Skeda 2

Skeda 3

Skeda 4

Skeda 5

Skeda 6

A.L. 37 ta' l-2003

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP.424)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att li jipprovdi għat-twaqqif ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Affarijiet Interni u l-Ambjent u l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Isem u bidu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar, u għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li l-Ministru responsabbli għall politika soċjali jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Għan.

2. Dawn ir-regolamenti huma mmirati lejn il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikoluż, u l-limitazzjoni tal-konsegwenzi tagħhom għall-bniedem u l-ambjent, bl-għan li jiġu assigurati livelli għolja ta' protezzjoni.

Tifsir.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx mod ieħor -

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"awtorità kompetenti" tfisser-

(i) l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kif imwaqqfa bl-Att, Kap.435, id-Direttorat għall-Protezzjoni Ambjentali fi ħdan l-Awtorità Maltija għall-Ippjanar u l-Ambjent, skond l-Att dwar il-Harsien ta' l-

Ambjent, u d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili mwaqqaf bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili, Kap.411, meta jaġġixxu flimkien jew separatament kif ikun neċessarju, jew

(ii) kull aġenzija jew awtorità oħra li lilha l-Ministru responsabbli għas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-protezzjoni ċivili jew l-ambjent jista' minn żmien għal żmien jassenja kull responsabbiltà ta' l-awtorità kompetenti taħt dawn ir-regolamenti: Iżda l-Ministru għandu joħroġ avviż ta' kull tali assenjazzjoni ta' responsabbiltajiet fil-Gazzetta;

"id-Direttiva" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/EC dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikoluż i;

"ħażna ta' sustanzi perikoluż i" tinkludi l-preżenza ta' sustanzi perikoluż i għal skopijiet ta' ħażna, depożitu taħt kustodja mingħajr perikli jew żamma.

"inċident kbir" tfisser okkorenza (inkluż partikolarment, iżda mhux limitata għal, emissjoni kbira, nar jew splużjoni) li tirriżulta minn żviluppi mhux ikkontrollati waqt l-operat ta' stabbiliment u li twassal għal dannu serju għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-ambjent, immedjat jew dewwiemi, 'l ġewwa jew 'il barra, u li tinvolvi sustanzi perikoluż i;

"kontroll" dwar xi persuna tfisser kontroll waqt xi kummerċ , negozju jew impriża oħra jew attività ta' xogħol li din tagħmel;

"korp internazzjonali" tfisser kull korp internazzjonali adatt li l-Ministru b'ordni għandu jinnomina fil-Gazzetta;

"notifika" tfisser notifika bil-miktub u "notifikazzjoni" għandha titqies skond hekk;

"operatur" ifisser "min iħaddem", kif imfisser fl-Att, li għandu kontroll ta' l-operat ta' stabbiliment jew stallazzjoni (jew fejn jidħol stabbiliment jew stallazzjoni li ser jinbena jew ser jopera, il-persuna li tipproponi li tikkontrolla l-operat tiegħu jew, jekk dik il-persuna mhux magħrufa, il-persuna li waqt il-kummerċ, negozju jew impriża oħra li hija tieħu ħsieb tikkummissjona d-disinn u l-bini tagħha) u kull dmir impost minn dawn ir-regolamenti fuqu għandhom jestendu biss għal dik l-impriża jew stallazzjoni;

"periklu" tfisser il-propjetà intrinsika ta' sustanza perikoluża jew sitwazzjoni fiżika li għandha l-potenzjal li tikkawża dannu għas-saħħa tal-bniedem u, jew ta' l-ambjent;

"preżenza ta' sustanzi perikolużi" tinkludi l-preżenza attwali u antiċipata ta' dawn is-sustanzi u l-preżenza ta' dawk li jistgħu raġonevolment jitqiesu li jkunu ġġenerati waqt it-telf tal-kontroll ta' proċess kimiku industrijali;

"rapport tas-sigurtà" tfisser rapport mibgħut lill-awtorità kompetenti skond ir-regolament 8;

"riskju" tfisser il-possibilità ta' effett speċifiku li jinħass waqt perjodu speċifiku jew f'ċirkostanzi speċifiċi;

"stabbiliment" tfisser l-area kollha taħt il-kontroll ta' l-istess persuna fejn is-sustanzi perikoluzi huma preżenti fi stallazzjoni(jew waħda jew aktar), inklużi infrastrutturi jew attivitajiet komuni jew relatati, u għal dan l-iskop żewġ arei jew aktar taħt il-kontroll ta' l-istess persuna u separati biss bi triq, għandhom jitqiesu bħala area waħda;

"stabbiliment eżistenti" tfisser stabbiliment li l-operat tiegħu beda qabel id-data ta' l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

"stabbiliment ġdid" tfisser stabbiliment li l-operat tiegħu beda wara jew fid-data ta' l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

"stallazzjoni" tfisser unità teknika fi stabbiliment fejn sustanzi perikolużi huma, jew huma maħsubin li jkunu, prodotti, użati, merfugħa jew maħżuna, u tinkludi -

(a) kull tagħmir, strutturi, sistemi ta' pajpijiet, makkinarju u għodda,

(b) *railway sidings* privati, baċiri u mollijiet tal-ħatt li jservu l-istallazzjoni, u

(ċ) mollijiet, imħażen jew strutturi simili, kemm jekk jibqgħu fill-wiċċ u kemm jekk le,

li huma neċessarji għall-operat ta' l-istallazzjoni;

"stat" tfisser kull pajjiż, jew grupp ta' pajjiżi li l-Ministru jista' jsemmi fil-Gazzetta;

"sustanza perikoluża" tfisser sustanza, taħlita jew preparazzjoni elenkata fi Skeda 1, Parti 2, jew li tilħaq il-kriterji stipulati fi Skeda 1 Parti 3 u preżenti bħala materjal mhux maħdum, prodott, by-product, fdal jew intermedju;

(2) Fejn wara li jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti stabbiliment jiġi regolat b'xi regolament minħabba xi żieda fil-kwantità ta' sustanzi perikolużi preżenti hemmhekk, kull referenza f'dak ir-regolament għall-bidu ta' l-operat ta' l-istabbiliment, hija referenza għaż-żmien meta l-istabbiliment ikun beda jiġi regolat.

(3) Il-kolonni fil-Partijiet 2 u 3 ta' Skeda 1 għandhom jiġu applikati skond id-disposizzjonijiet tal-Parti 1 ta' dik l-Iskeda u n-noti stipulati f'kull waħda minn dawk il-Partijiet.

(4) Kull referenza f'dawn ir-regolamenti għal -

(a) regolament numerat jew Skeda hija referenza għar-regolament jew Skeda f'dawn ir-Regolamenti hekk numerati, u

(b) subregolament numerat hija referenza għas-subregolament hekk numerat fir-regolament jew Skeda fejn tidher ir-referenza.

Applikazzjoni.

4. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal stabbiliment fejn sustanza perikoluża elenkata f' Partijiet 2 u 3 ta' Skeda 1, tkun preżenti fi kwantità daqs jew iktar mill-kwantità elenkata fil-post għal dik is-sustanza fil-kolonna 2 ta' dawk il-Partijiet:

Iżda r-regolamenti 8 sa' 12 għandhom japplikaw biss għal stabbiliment fejn din is-sustanza perikoluża tkun preżenti fi kwantità daqs jew iktar mill-kwantità elenkata fil-post għal dik is-sustanza f'kolonna 3 ta' Partijiet 2 u 3 ta' Skeda 1.

(2) Ir-referenza fis-subregolament (1) għall-preżenza ta' sustanzi perikolużi m'għandhiex tinkludi l-preżenza ta' sustanzi perikolużi fl-attivitajiet li ġejjin -

(a) stabbilimenti, stallazzjonijiet jew faċilitajiet tal-ħażna militari;

(b) perikli maħluqa minn radjazzjoni ionizzanti;

(ċ) it-trasport ta' dawk is-sustanzi u l-ħażna temporanja intermedja tagħhom fit-triq, bil-ferrovija, f'kanali ta' l-ilmijiet, ibħra jew arja interni, barra mill-istabbilimenti koperti b'dan ir-

regolament, inkluż it-tagħbija u l-ħatt u t-trasport lejn u minn mezz ieħor tat-trasport fil-baċiri, mollijiet u *marshalling yards*;

(d) it-trasport ta' dawk is-sustanzi fil-kanen jew stabbiliment ta' l-ippumpjar barra stabbilimenti koperti b'dawn ir-regolamenti;

(e) l-attivitajiet ta' industriji estrattivi li jesploraw, u jesplojtjaw minerali f'minjieri u barrieri jew permezz ta' spieri;

(f) siti li jimtlew bl-iskart (land-fill).

(3) Fejn, minħabba xi bidla fil -

(a) klassifikazzjoni ta' sustanza (kif imsemmija fin-nota 1 tal-Parti 3 ta' Skeda 1), jew

(b) tagħrif ta' liema sustanzi perikoluż jistgħu jkunu ġġenerati waqt it-telf tal-kontroll ta' proċess kimiku industrijali;

l-art fejn is-sustanza hija preżenti ssir stabbiliment wara li jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, kull ħtieġa imposta minn dawn ir-regolamenti fuq operatur, li għandu jirrispetta qabel ma jibda jopera stabbiliment, għandu jibda japplika għall-operatur ta' l-istabbiliment il-ġdid bħallikieku dik il-ħtieġa kellha titwettaq fi żmien 12-il xahar wara li l-bidla fil-klassifikazzjoni ssir effettiva jew wara li ssir bidla fit-tagħrif.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għas-sodisfazzjon ta' kull miżuri oħra, li jistgħu ikunu rikjesti biex jinkoraġġixxu titjib fis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fir-riskju.

Dmir ġenerali.

5. (1) Kull operatur għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha biex jevita inċidenti kbar u jillimita l-konsegwenzi tagħhom fuq il-persuni u fuq l-ambjent.

(2) Kull operatur għandu wkoll, f'kull ħin, ikun f'pożizzjoni li jipprova għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li l-miżuri msemmija fir-regolament (5) (1) huma biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti u, partikolarment għal skopijiet ta' spezzjoni u kontrolli msemmija f'regolament 18.

(3) Kull operatur għandu jikoopera bis-sħiħ ma' l-awtoritajiet kompetenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dawn ir-regolamenti.

Notifiki.

6. (1) (a) Fi żmien sitt xhur, jew perjodu ieħor kif jista' jiġi miftiehem bil-miktub mill-Awtorità, qabel il-bidu ta' kostruzzjoni ta' stabbiliment l-operatur ta' l-istabbiliment għandu jibgħat lill-awtorità kompetenti notifika bl-informazzjoni speċifikata fis-subregolament (2).

(b) Fi żmien sitt xhur, jew perjodu ieħor kif jista jiġi miftiehem bil-miktub mill-Awtorità, qabel il-bidu ta' l-operat ta' stabbiliment, jew fil-każ ta' stabbiliment eżistenti sa tlett xhur mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, l-operatur ta' l-istabbiliment għandu jibgħat lil l-awtorità kompetenti notifika bl-informazzjoni speċifikata fis-subregolament (2).

(2) In-notifika meħtieġa mis-subregolament (1) għandu jkun fiha d-dettalji segwenti

(a) l-isem jew isem tal-kummerċ ta' l-operatur u l-indirizz sħiħ ta' l-istabbiliment inkwestjoni;

(b) il-post tal-kummerċ reġistrat ta' l-operatur, bl-indirizz sħiħ;

(ċ) l-isem jew pożizzjoni tal-persuna responsabbli għall-istabbiliment, jekk differenti minn paragrafu (a) ;

(d) informazzjoni suffiċenti biex jiġu identifikati s-sustanzi jew kategoriji ta' sustanzi perikolużi involuti;

(e) il-kwantità u l-forma fiżika tas-sustanza jew sustanzi perikolużi involuti;

(f) l-attività jew attività proposta ta' l-istallazzjoni jew tal-faċilità tal-ħażna;

(ġ) l-ambjent immedjat ta' l-istabbiliment (elementi li jistgħu jikkawżaw inċident kbir jew li jaggravaw il-konsegwenzi tiegħu).

(3) Kull operatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti jekk ikun hemm -

(a) żieda sinifikanti fil-kwantità ta' sustanzi perikolużi nnotifikati taħt dan ir-regolament, jew

(b) kull bidla sinifikanti fi -

(i) n-natura jew forma fiżika tas-sustanzi perikolużi hekk notifikati,

(ii) l-proċessi li jimpjegawhom, jew

(iii) kull informazzjoni oħra nnotifikata lill-awtorità kompetenti fejn ikollu x'jaqsam l-istabbiliment

(ċ) għeluq permanenti ta' stallazzjoni fl-istabbiliment.

(4) Dan ir-regolament m'għandux jirrikjedi n-notifika ta' xi informazzjoni, li tkun ġiet inkluża f'rapport tas-sigurtà, li jkun ġie sottomess lill-awtorità kompetenti.

Politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar.

7. (1) Kull operatur għandu jipprepara u jżomm dokument li jfassal il-politika tieghu dwar il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar (f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "dokument tal-politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar") fil-limiti ta' żmien li ġejjin:

(a) għal stabbilimenti ġodda, fi żmiem erba' xhur qabel tibda l-kostruzzjoni jew l-operat, jew perjodu ieħor kif jista' jiġi miftiehem bil-miktub mill-Awtorità,

(b) għal stabbilimenti eżistenti sa disa' xhur mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-politika msemmija f'subregolament (1) għandha tkun imfassla biex tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni għall-persuni u għall-ambjent permezz ta' mezzi, strutturi u sistemi amministrattivi xierqa.

(3) Id-dokument tal-politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar għandu -

(a) jikkunsidra l-prinċipji speċifikati fl-Iskeda 2; u

(b) jinkludi dettalji biżżejjed u jkun disponibbli għall-awtorità kompetenti għall-iskopijiet fost oħrajn, li juri l-implimentazzjoni tar-regolamenti 5 (2) u 18.

(4) Fil-każ tal-modifikazzjoni ta' l-istabbiliment jew stallazzjoni, il-proċess li jsir hemmhekk, jew in-natura jew kwantità ta' sustanzi perikolużi preżenti hemmhekk li jista' (f'kull każ) ikollhom riperkussjonijiet sinifikanti fuq il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar, l-operatur għandu jerġa' jara u fejn hu neċessarju jirrevedi d-dokument tal-politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar.

(5) Kull operatur għandu jimplimenta l-politika stipulata fid-dokument għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar.

(6) Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1 ta' l-Iskeda 3, dan il-regolament m'għandux japplika għal stabbiliment li għalih japplika r-regolament 8.

Rapport tas-sigurtà.

8. (1) Kull operatur għandu jipproduċi rapport tas-sigurtà sabiex:

(a) juri li daħlu fis-seħħ politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar u sistema tas-sigurtà amministrattiva għall-implimentazzjoni tagħha skond l-informazzjoni mniżżla fl-Iskeda 2;

(b) juri li ġew identifikati perikli ta' inċidenti kbar u li ttieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu dawn l-inċidenti u biex jillimitaw il-konsegwenzi tagħhom għall-bniedem u l-ambjent;

(ċ) juri li s-sigurtà adegwata u s-sigurezza ġew inkorporati fid-disinn, kostruzzjoni, operat u manteniment, ta' kull stallazzjoni, faċilità ta' ħażna, apparat u infrastruttura konnessi ma' l-operat tagħha li huma marbuta ma' perikli ta' inċidenti kbar ġo l-istabbiliment;

(d) juri li ġew imfassla pjanijiet ta' emerġenza interni msemmija fir-regolament 10 u li ġiet provvduta l-informazzjoni neċessarja li tippermetti l-pjan ta' emerġenza estern msemmi fir-regolament 10 (4) biex jiġi mfassal sabiex jittieħdu l-mizuri neċessarji fil-każ ta' inċidenti kbar;

(e) jipprovdi nformazzjoni suffiċenti lill-awtorità kompetenti sabiex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet f'termini ta' siti ta' attivitajiet jew żvilluppi ġodda madwar stabbilimenti eżistenti.

(2) Ir-rapport tas-sigurtà għandu jinkludi mill-inqas l-għarfien u l-informazzjoni elenkati fl-Iskeda 3. Għandu jinkludi wkoll inventarju aġġornat tas-sustanzi perikoluż preżenti fl-istabbiliment.

(3) Kull operatur għandu jibgħat ir-rapport tas-sigurtà stipulat fis- subregolament (1) lill-awtorità kompetenti fil-limiti ta' żmien li ġejjin:

(a) għal stabbilimenti ġodda, fi żmien erba' xhur qabel tibda l-kostruzzjoni jew l-operat, jew perjodu ieħor kif jista' jiġi miftiehem bil-miktub mill-Awtorità,

(b) għal stabbilimenti eżistenti sa tnax il-xahar mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti,

(ċ) fil-każ tar-reviżjonijiet perjodiċi stipulati fis-subregolament 5, mingħajr dewmien.

(4) Qabel ma l-operatur jibda l-kostruzzjoni jew l-operat, jew fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (3) (b) u (ċ), l-awtorità kompetenti għandha f'perjodu raġonevoli minn meta tirċievi r-rapport:

(a) tikkomunika l-konklużjonijiet ta' l-eżaminazzjoni tagħha tar-rapport tas-sigurtà lill-operatur, jekk neċessarju wara li titlob aktar informazzjoni, jew

(b) tipprojbixxi l-użu, jew l-użu kontinwu, ta' l-istabbiliment inkwestjoni, skond il-poteri u proċeduri stipulati fir-regolament 17.

(5) L-awtorità kompetenti tista' tillimita l-informazzjoni meħtieġa fir-rapporti tas-sigurtà għal dawk il-kwistjonijiet li huma relevanti għall-prevenzjoni ta' perikli ta' inċidenti kbar li jkun fadal u għal-limitazzjoni tal-konsegwenzi tagħhom fuq il-bniedem u fuq l-ambjent, jekk jintwera għas-sodisfazzjon tagħha li sustanzi partikolari preżenti fl-istabbiliment, jew f'xi parti minnu, huma fi stat inkapaċi li jikkrejaw periklu ta' inċident kbir:

Iżda din l-eżenzjoni għandha ssir bil-miktub skond il-kriterji elenkati fis- subregolament (6).

(6) L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjoni fit-termini tal-paragrafu preċedenti, jekk mill-anqas waħda mill-kriterji segwenti tkun sodisfatta:

(a) Forma fiżika tas-sustanza:

Sustanzi f'forma solida, b'mod li, kemm taħt kundizzjonijiet normali u kemm taħt kundizzjonijiet mhux normali li jistgħu jkunu raġonevolment previsti, rilaxx ta' materja jew ta' enerġija, li jistgħu jikkawżaw inċident kbir, ma jkunx possibbli.

(b) Kontenut u kwantitajiet:

Sustanzi ppakkjati jew inklużi b'mod u fi kwantitajiet li r-rilaxx massimu possibbli taħt kull ċirkostanza ma jkunx jista' jikkawża inċident kbir.

(ċ) Post u kwantitajiet:

Sustanzi preżenti fi kwantitajiet u f'distanzi minn sustanzi perikoluż oħra (fl-istabbiliment jew x'imkien ieħor) li la jistgħu jikkreaw perikli ta' inċident kbir waħedhom u lanqas ma jagħtu bidu għal inċident kbir li jinvolvi sustanzi perikoluzi oħra.

(d) Klassifikazzjoni:

Sustanzi li huma definiti bħala sustanzi perikoluzi fil-klassifikazzjoni ġenerika tagħhom fi Skeda 1, iżda li ma jistgħux joħolqu periklu ta' inċident kbir, u li għalihom, għaldaqstant, il-klassifikazzjoni ġenerika mhix waħda xierqa għal dan l-iskop.

Reviżjoni tar-rapport tas-sigurtà.

9. (1) Fejn rapport tas-sigurtà ikun intbagħat lill-awtorità kompetenti l-operatur għandu, mingħajr ħsara għas- subregolament (3), jirrevedih -

(a) mill-anqas kull 5 snin;

(b) kull meta din ir-reviżjoni tkun neċessarja minħabba fatti ġodda jew biex jiġu kkunsidrati tagħrif tekniku ġdid dwar kwistjonijiet tas-sigurtà u żviluppi fit-tagħrif li jikkonċernaw l-evalwazzjoni tal-perikli;

(ċ) kull meta l-operatur iwettaq bidla fis-sistema tas-sigurtà amministrattiva (imsemmija fil-paragrafu 1 ta' Skeda 3) li jista' jkollha riperkussjonijiet sinifikanti fuq il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar jew fuq il-limitazzjoni ta' konsegwenzi ta' inċidenti kbar fuq il-persuni u fuq l-ambjent; u

(d) kull meta jkun meħtieġ mill-awtorità kompetenti;

u fejn bħala konsegwnza ta' dik ir-reviżjoni jkun neċessarju li jiġi revedut ir-rapport, l-operatur għandu jagħmel dan mill-ewwel u jinforma lill-awtorità kompetenti bid-dettaliji ta' dik ir-reviżjoni.

(2) Fejn rapport tas-sigurtà jkun ġie eżaminat skond is-subregolament (1)(a) Iżda ma jkunx ġie revedut, l-operatur għandu jinforma b'dan lill-awtorità kompetenti.

(3) Fejn operatur jipproponi l-modifikazzjoni ta' l-istabbiliment jew ta' stallazzjoni fih, il-proċess li jitwettaq, jew tan-natura jew il-kwantità ta' sustanzi perikoluż preżenti, u dik il-modifiakazzjoni jista' jkollha riperkussjonijiet sinifikanti fuq il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar jew fuq il-limitazzjoni ta' konsegwenzi ta' inċidenti kbar fuq il-persuni u fuq l-ambjent, għandu qabel din il-modifikazzjoni -

(a) jeżamina, u fejn neċessarju jirrevedi, il-politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar jew ir-rapport tas-sigurtà ippreparat għall-istabbiliment, stallazzjoni, proċess jew sustanzi perikoluż skond il-każ; u

(b) jinforma lill-awtorità kompetenti bid-dettalji ta' din ir-reviżjoni.

Pjanijiet ta' emerġenza.

10. (1) Kull operatur għandu jiżgura li, għall-istabbilimenti kollha li għalihom japplika r-regolament 8:

(a) pjan ta' emerġenza għall-miżuri li għandhom jittieħdu fl-istabbiliment, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala pjan ta' emerġenza intern, ikun ippreparat biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fis-subregolament (2) u għandu jinkludi l-informazzjoni stipulata fi Skeda 4;

(b) l-informazzjoni neċessarja tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti sabiex ikunu jistgħu jitifasslu pjanijiet ta' emerġenza esterni:

Iżda din l-obligazzjoni tkun sodisfatta f'dawn il-perjodi ta' żmien li ġejjin:

(i) għal stabbilimenti ġodda, erba' xhur qabel il-bidu ta' l-operat,

(ii) għal stabbilimenti eżistenti sa ħmistax il-xahar mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Pjan ta' emerġenza għandu jkollu l-għanijiet li ġejjin:

(a) jżomm milli jseħħ u jikkontrolla inċidenti sabiex inaqqas l-effetti, u sabiex jillimita d-dannu fuq il-bniedem, l-ambjent u l-propjetà,

(b) li jimplimenta l-miżuri neċessarji biex jipproteġi l-bniedem u l-ambjent mill-effetti ta' inċidenti kbar,

(ċ) li jikkomunika l-informazzjoni neċessarja lill-pubbliku u lis-servizzi jew awtoritajiet inkwestjoni fl-area,

(d) li jipprovdi għar-ristorazzjoni u t-tindif ta' l-ambjent wara inċident kbir.

(3) L-operatur għandu jiżgura li l-pjanijiet ta' emerġenza interni stipulati f'dawn ir-regolamenti jkunu mfassla wara konsultazzjoni mal-personal fl-istabbiliment.

(4) L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni meħtieġa taħt is-subregolament (1), u l-aċ ċettazzjoni tagħha, tikkonsulta l-pubbliku u partijiet interessati oħra kif tikkonsidra xieraq. Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, skond l-artiklu 4 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili, f'dak li għandu x'jaqsam mal-preparazzjoni ta' pjanijiet ta' kontinġenza, għandu jfassal pjan ta' emerġenza kif speċifikat fi Skeda 4 Parti 2, għall-miżuri li għandhom jittieħdu barra mill-istabbiliment, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa pjan ta' emerġenza estern.

(5) L-operatur u, jekk neċessarju l-awtorità kompetenti għandhom jiżguraw li pjanijiet ta' emerġenza jiddaħlu fis-seħħ mingħajr dewmien:

(a) meta jseħħ inċident kbir, jew

(b) meta jiġri xi ħaġa mingħajr kontroll li bin-natura tagħha tista' tkun raġonevolment mistennija li twassal għal inċident kbir.

(6) L-awtorità kompetenti tista', permezz ta' l-informazzjoni fir-rapport tas-sigurtà, tiddeċiedi li l-ħtieġa ta' pjan ta' emerġenza estern, taħt is- subregolament (2), m'għandhiex tapplika. Kull eżenzjoni bħal din, li għandha tkun bil-miktub, għandha tinkludi r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

(7) Fejn tkun ingħatat eżenzjoni taħt is-subregolament (6), l-awtorità kompetenti m'għandux ikollha, għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti u waqt li l-eżenzjoni tkun fis-seħħ, funzjoni fejn tidħol il-preparazzjoni, reviżjoni, ittestjar u d-dħul fis-seħħ ta' pjan ta' emerġenza 'il barra mis-sit għall-istabbiliment inkwestjoni.

Reviżjoni u ttestjar tal-pjanijiet ta' emerġenza.

11. (1) Persuna li tkun ippreparat pjan ta' emerġenza skond dmir impost fuqha minn dawn ir-regolamenti għandha f'intervalli adatti li ma jaqbżux tliet snin -

(a) teżamina u fejn neċessarju tirrevedi l-pjan u

(b) tittestja l-pjan u tieħu passi raġonevoli sabiex, sa fejn ikun neċessarju, is-servizzi ta' emerġenza jipparteċipaw fl-ittestjar,

u kull reviżjoni għandha tqis it-tibdil li jsiru fl-istabbiliment li miegħu ikollu x'jaqsam il-pjan u fis-servizzi ta' emerġenza kkonċernati, tagħrif teknoloġiku ġdid, u tagħrif li jikkonċerna r-rispons għal inċidenti kbar.

(2) L-operatur għandu jikkoopera bis-sħiħ ma' l-awtorità kompetenti fl-implimentazzjoni ta' l-ittestjar ta' pjanijiet ta' emerġenza esterni.

Għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku.

12. (1) L-operatur ta' stabbiliment għandu -

(a) jiżgura li persuni li hemm possibbilità li jkunu affettwati minn inċident kbir li joriġina fi stabbiliment kopert bir-regolament 8 jingħataw informazzjoni fuq il-miżuri ta' sigurtà fl-istabbiliment u fuq l-imġieba meħtieġa fil-każ ta' inċident kbir fl-istabbiliment, mingħajr ma dawn ikollhom għalfejn jitolbuha;

(b) iħalli dik l-informazzjoni permanentement disponibbli għall-pubbliku, wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

(2) L-informazzjoni msemmija fis- subregolament (1) għandha tinkludi għall-inqas l-informazzjoni speċifikata fi Skeda 5.

(3) Waqt il-preparazzjoni ta' l-informazzjoni li jinħtieġ tingħata skond is- subregolament (1), l-operatur jista' jikkonsulta persuni oħra li jidhirlu xierqa, iżda l-operatur għandu jibqa' responsabbli għall-preċiżjoni, il-kompletezza u l-forma ta' l-informazzjoni mogħtija.

(4) L-operatur għandu jeżamina u fejn hu neċessarju jirrevedi l-informazzjoni msemmija f'subregolament (1) -

(a) f'intervalli ta' mhux aktar minn tliet snin; jew

(b) fil-każ ta' modifikazzjoni msemmija fir-regolamenti 6(3) jew 9(3).

(5) L-operatur għandu jiżgura li l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) tingħata skond dak is-subregolament fi żmien xahrejn wara li jkun ġie ppreparat pjan ta' emerġenza 'l barra mis-sit għall-istabbiliment u li l-informazzjoni tingħata mill-ġdid -

(a) f'intervalli ta' mhux aktar minn ħames snin; jew

(b) jekk tkun reveduta skond is-subregolament (4).

(6) Kull operatur għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li r-rapport tas-sigurtà jkun disponibbli lill-pubbliku:

L-operatur jista' jitlob lill-awtorità kompetenti awtorizzazzjoni sabiex ma jiżvelax lill-pubbliku ċerti partijiet tar-rapport, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità industrijali, kummerċjali jew personali, sigurtà pubblika jew difiża nazzjonali. F'ċerti każijiet, fuq l-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti, l-operatur għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti, u jħalli disponibbli għall-pubbliku, rapport emendat eskluż l-kwistjonijiet imsemmija:

Iżda meta l-informazzjoni tingħata lill-awtorità kompetenti skond il-ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti, jekk il-persuna li tipprovdiha tapplika ma' l-awtorità kompetenti biex ikollha l-informazzjoni eskluża mir-reġistru fuq il-bażi li hija kummerċjalment jew personalment kunfidenzjali (fir-rigward tiegħu jew ta' persuna oħra), l-awtorità għandha tiddetermina jekk l-informazzjoni hijiex kummerċ jalment jew personalment kunfidenzjali.

(7) Fil-każ ta' stabbilimenti suġġetti għad-disposizzjonijiet tar-regolament 8, l-operatur għandu jiżgura li l-inventarju ta' sustanzi perikoluż stipulati fir-regolament 8 (2) ikun disponibbli għall-pubbliku.

Għoti ta' informazzjoni lill-awtorità kompetenti.

13. (1) Kull operatur ta' stabbiliment għandu, meta jkun mitlub mill-awtorità kompetenti, jipprovdi nformazzjoni sufiċenti lill-awtorità kompetenti biex juri li hu ħa l-miżuri kollha neċessarji biex ikun konformi ma' dawn ir-regolamenti, u l-informazzjoni għandha tingħata fi żmien perjodu li l-awtorità kompetenti tispeċifika fit-talba.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1), l-operatur għandu meta mitlub mill-awtorità kompetenti, jipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni neċ essarja sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' -

(a) tevalwa bis-sħiħ il-possibilità ta' inċident kbir u tiddetermina l-għan ta' żieda ta' probabilità possibbli jew aggravju ta' inċident kbir;

(b) tikkunsidra sustanzi li, minħabba l-forma fiżika, kundizzjonijiet jew post partikolari tagħhom jistgħu jirrikjedu konsiderazzjoni addizzjonali;

(ċ) twettaq il-funzjonijiet tagħha fil-ksib u l-ġbir ta' l-informazzjoni;

(d) twettaq preparamenti ta' pjanijiet esterni ta' emerġenza;

u l-informazzjoni tingħata f'perjodu speċifikat fit-talba ta' l-awtorità kompetenti.

(3) Fejn iseħħ inċident kbir fi stabbiliment l-operatur għandu mill-ewwel, bl-aktar mezzi mgħaġġla u xierqa, jinforma id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili b'dak l-inċident.

(4) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (3), kull operatur għandu, malajr kemm jista' jkun wara inċident kbir, u bl-aktar mezzi xierqa jagħti d-dettalji relevanti ta' l-inċident lill-awtorità kompetenti u partikolarment:

(a) jipprovdi l-informazzjoni li ġejja hekk kif issir disponibbli:

(i) iċ-ċirkostanzi ta' l-inċident,

(ii) is-sustanzi perikoluż involuti,

(iii) il-fatti magħrufa disponibbli għall-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' l-inċident fuq il-bniedem u l-ambjent, u

(iv) il-miżuri ta' emerġenza meħuda;

(b) il-passi kkontemplati:

(i) biex jitnaqqsu l-effetti ta' l-inċident fuq tul ta' żmien medju u twil,

(ii) biex jevitaw kull rikorrenza ta' inċident bħal dan;

(ċ) jaġġorna l-informazzjoni provduta jekk aktar investigazzjoni turi fatti addizzjonali li jibdlu dik l-informazzjoni jew il-konklużjonijiet meħuda minnha.

Għoti ta' informazzjoni lil stabbilimenti oħrajn.

14. (1) L-awtorità kompetenti għandha, billi tuża l-informazzjoni mogħtija mill-operaturi f'notifikazzjonijiet mibgħuta skond ir-regolament 6 u f'rapporti ta' sigurtà, tagħżel gruppi ta' stabbilimenti fejn il-possibilità jew konsegwenzi ta' inċident kbir tista' tiżdied minħabba l-lokazzjoni u l-prossimità ta' l-istabbilimenti fil-grupp u s-sustanzi perikoluż preżenti fihom.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lil kull operatur ta' stabbiliment fi grupp magħżul skond is-subregolament (1) bl-ismijiet u l-indirizzi ta' stabbilimenti oħra fl-istess grupp.

(3) L-operatur ta' kull stabbiliment fi grupp magħżul skond is-subregolament (1) għandu -

(a) jagħti informazzjoni xierqa dwar l-istabbiliment lil stabbilimenti oħra fil-grupp biex ikunu jistgħu jikkunsidraw in-natura u d-daqs tal-perikli kollha ta' inċident kbir fid-dokumenti ta' politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar tagħhom, rapporti tas-sigurtà u pjani ta' emerġenza fuq il-post ; u

(b) jikkoopera ma' dawk l-istabbilimenti l-oħrajn biex ikunu jistgħu jaqdu dmirijiethom taħt ir-regolamenti 10(2),12(1) u 13(2).

Għoti ta' informazzjoni mill-awtorità kompetenti.

15. (1) L-awtorità kompetenti għandha tinforma lil kull organizzazzjoni internazzjonali xierqa, kemm jista' jkun malajr, b'inċidenti kbar li jilħqu l-kriterji ta' Skeda 6 li ġraw fit-territorju Malti għal skop ta' prevenzjoni u tnaqqis ta' inċidenti kbar. L-informazzjoni mogħtija għandha tinkludi d-dettalji segwenti;

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità kompetenti responsabbli għar-rapport;

(b) id-data, ħin u post ta' l-inċident kbir, inkluż l-isem sħiħ ta' l-operatur u l-indirizz ta' l-istabbiliment involut;

(ċ) deskrizzjoni qasira taċ-ċirkostanzi ta' l-inċident, inklużi s-sustanzi perikolużi involuti, u l-effett immedjat fuq il-bniedem u l-ambjent;

(d) deskrizzjoni qasira tal-miżuri ta' emerġenza meħuda u l- prekawzjonijiet immedjati neċessarji biex tiġi evitata rikorrenza.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-organizzazzjoni internazzjonali bl-informazzjoni relevanti kollha inklużi;

(a) ir-riżultati ta' l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom:

Iżda r-rappurtaġġ ta' din l-informazzjoni jista' jittardja sabiex jitlestew il-proċeduri legali fejn dan ir-rappurtaġġ ikun jista jaffettwa dawk il-proċeduri;

(b) l-isem u l-indirizz ta' kull korp li jista' jkollu informazzjoni relevanti dwar inċidenti kbar u li jista' jagħti parir lill-awtorità kompetenti ta' Stat ieħor li għandha tintervjeni fil-każ ta' dan l-inċident.

(3) L-awtorità kompetenti għandha żżomm records ta' informazzjoni relevanti kif preskritt fi Skeda 6.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi kull organizzazzjoni internazzjonali xierqa b'rapporti regolari għall-istabbilimenti taħt ir-regolamenti 6 u 8, u għandha tiskambja informazzjoni kif neċessarju ma' l-organizazzjoni internazzjonali dwar l-esperjenza akkwistata fejn tidħol il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar u l-limitazzjonijiet tal-konsegwenzi tagħhom, u partikolarment dwar il-funzjoni tal-miżuri meħuda skond dawn ir-regolamenti.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi informazzjoni suffiċenti lil Stati potenzjalment affettwati f'każijiet fejn il-possibilità ta' inċidenti kbar b'effetti transkonfini li jsiru fi stabbilimenti li jaqaw taħt ir-regolament 8. Din l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni fuq pjanijiet ta' emerġenza, ippjanar dwar l-użu ta' l-art, u miżuri tas-sigurtà:

Iżda jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li stabbiliment huwa inkapaċi li joħloq periklu ta' inċident kbir li jmur lil hinn mill-fruntieri għall-iskopijiet tar-regolament 10(6), u huwa għalhekk mhux meħtieġ li jipprovdi pjan ta' emerġenza esterna taħt ir-regolament 10(1), għandha tinforma lill-Istat relevanti.

(6) L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lista ta' stabbilimenti li jaqaw taħt ir-regolamenti 8(5) lill-organizzazzjoni internazzjonali, u tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.

L-awtorità kompetenti.

16. (1) Għandu jkun id-dmir konġunt ta' l-aġenziji li minnhom l-awtorità kompetenti hija komposta li jiżguraw li l-funzjonijiet kollha ta' l-awtorità kompetenti kif stipulat f'dawn ir-regolamenti jitwettqu f'kollaborazzjoni stretta u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun:

Iżda l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għandha tieħu ħsieb li tikkoordina l-azzjonijiet amministrattivi ta' l-awtorità kompetenti:

Kull ma jkun meħtieġ li jintbagħat minn operatur ta' stabbiliment lill-awtorità kompetenti skond dawn ir-regolamenti għandu jintbagħat lill-awtorità kompetenti f'uffiċċju ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u kull informazzjoni hekk mogħtija u

rikonoxxuta, għandha tkun ikkunsidrata li ntbagħtet lill-aġenziji kollha inklużi fl-awtorità kompetenti.

(2) L-awtorità kompetenti għandha fi żmien raġonevoli minn meta tirċievi r-rapport tas-sigurtà -

(a) tikkomunika l-konkluzjonijiet ta' l-eżaminazzjoni tar-rapport tagħha lill-operatur ta' l-istabbiliment ikkonċernat; jew

(b) tipprojbixxi l-operat jew il-bidu ta' l-operat ta' l-istabbiliment jew stallazzjoni kkonċernat jew kull parti minnu skond ir-regolament 18.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), kull informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità kompetenti u mogħtija separatament u bil-miktub lil kwalunkwe aġenziji li jikkomprendu l-awtorità kompetenti għandhom, għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti, ikunu kkunsidrati li ġew mogħtija lill-aġenziji l-oħra kollha.

(4) Mingħajr preġudizzju għar-responsabbilitajiet ta' l-operatur, l-awtorità kompetenti għandha, jekk ikun neċessarju, tinnomina individwi jew organizazzjonijiet mwaqqfa biex jassistu lill-awtorità kompetenti f'livell tekniku.

(5) Fil-każ ta' okkorrenza ta' inċident kbir-

(i) id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandu jieħu ħsieb, kif stipulat fl- Att dwar il-Protezzjoni Ċivili, li jiżgura li kull miżura immedjata, urġenti, fuq tul ta' żmien medju u twil li tista' tkun neċ essarja tittieħed minn min ikollu din l-obbligazzjoni;

(ii) l-awtorità kompetenti għandha konġuntament:

(a) tagħmel analiżi sħiħa ta' l-aspetti tekniċi, organizzazzjonali u maniġerjali ta' l-inċident kbir u tiġbor, b'ispezzjoni, investigazzjoni jew b'miżuri xierqa oħra, l-informazzjoni neċessarja għal dak l-iskop;

(b) tieħu azzjoni xierqa biex tiżgura li l-operatur jieħu kull miżura rimedjali neċessarja; u

(ċ) tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar miżuri preventivi futuri.

(6) L-awtorità kompetenti tista' timponi fuq l-operatur tariffa għall-eżekuzzjoni ta' xi funzjoni minn tagħha taħt dawn ir-regolamenti u partikolarment ir-regolamenti 11 u 12.

(7) (i) It-tariffa m'għandhiex taqbeż is-somma ta' l-ispejjez raġonevolment minfuqa mill-awtorità kompetenti waqt il-funzjonijiet tagħha msemmija fis- subregolament (1) fejn jidħol l-istabbiliment ikkonċernat.

(ii) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, din tista' tinkludi, imma m'għandhiex tkun limitata għal, kull spiża minfuqa mill-awtorità kompetenti sabiex tirranġa għal servizzi ta' emerġenza biex jipparteċipaw fl-ittestjar ta' pjanijiet ta' emerġenza 'l barra mis-sit.

(8) Meta tirrikjedi pagament, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat jew tagħti lill-operatur dikjarazzjoni dettaljata tax-xogħol imwettaq u ta' l-ispejjeż minfuqa inklużi d-dati ta' kull żjara fl-istabbiliment u l-perjodu li jkollha x'taqsam miegħu d-dikjarazzjoni u t-tariffa, li għandha tinġabar biss bħala dejn ċivili, għandha issir pagabbli xahar wara li d-dikjarazzjoni tkun intbagħtet jew ingħatat.

Projbizzjoni ta' l-użu.

17. (1) L-awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi l-użu jew il-bidu ta' l-użu ta' xi stabbiliment, stallazzjoni jew faċilità tal-ħażna, jew xi parti minn dawn fejn il-miżuri meħuda mill-operatur għall-prevenzjoni u tnaqqis ta' inċidenti kbar huma nieqsa serjament.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi l-użu jew il-bidu ta' l-użu ta' xi stabbiliment, stallazzjoni jew faċilità tal-ħażna, jew xi parti minn dawn jekk l-operatur ma jkunx issottometta n-notifika, ir-rapporti jew informazzjoni oħra meħtieġa minn dawn ir-regolamenti fil-perjodu speċifikat.

(3) Fejn l-awtorità kompetenti tipproponi li tipprojbixxi operazzjoni jew il-bidu ta' operazzjoni ta' stabbiliment jew stallazzjoni jew parti minn dawn skond dan ir-regolament, tista' tagħti lill-operatur notifika li tagħti r-raġunijiet għall-projbizzjoni u li tispeċifika d-data meta għandha tidħol fis-seħħ, u kwalunkwe notifika tista' tiġi rtirata bil-miktub mill-awtorità kompetenti.

(4) Notifika mogħtija skond is-subregolament (3) tista' tispeċifika miżuri li, jekk meħudin, jistgħu jikkawżaw l-awtorità kompetenti li tirtira n-notifika.

(5) Fejn tkun ġiet mogħtija notifika lill-operatur skond is-subregolament (3) l-operatur għandu jkun konformi magħha (inkluża kull notifika bħal dik kif modifikata fuq appell).

(6) L-operaturi jistgħu jappellaw kontra ordni ta' projbizzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti magħmula taħt is-

subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament skond id-disposizzjonijiet fl-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, jew l-Att dwar il-Harsien ta' l-Ambjent, kif relevanti.

Spezzjonijiet.

18. (1) L-awtorità kompetenti għandha torganizza sistema adegwata ta' spezzjonijiet, jew azzjonijiet oħra, jew proċeduri xierqa għat-tip ta' stabbilimenti kkonċernati, biex taċċerta l-livelli ta' konformità ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda dawn m'għandhomx jiddependu biss fuq ir-rapport tas-sigurtà jew kull rapport ieħor mogħti lill-awtorità kompetenti iżda għandu jkun biżżejjed għal eżami ppjanat u sistematiku tas-sistemi li jintużaw fl-istabbiliment, kemm jekk ta' natura teknika, organizzazzjonali jew maniġerjali, sabiex tiżgura partikolarment:

(a) li l-operatur jkun jista' juri li ħa miżuri xierqa, in konnessjoni ma' l-attivitajiet varji involuti fl-istabbiliment, biex jevitaw inċidenti kbar,

(b) li l-operatur ikun jista' juri li huwa pprovda mezzi xierqa għall-limitazzjoni tal-konsegwenzi ta' inċidenti kbar, fuq is-sit u 'l barra mis-sit,

(ċ) li l-fatti magħrufa u l-informazzjoni inklużi fir-rapport tas-sigurtà, jew kull rapport ieħor ippreżentat ikunu jirriflettu adekwament il-kundizjonijiet fl-istabbiliment,

(d) li dik l-informazzjoni ġiet mogħtija lill-pubbliku skond ir-regolament 12.

(2) Is-sistema ta' spezzjoni speċifikata fis-subregolament (1) għandha tkun konformi mal-kundizzjonijiet segwenti:

(a) għandu jkun hemm programm ta' spezzjonijiet għall-istabbilimenti kollha. Sakemm l-awtorità kompetenti ma tistabbilixxix programm ta' spezzjonijiet ibbażati fuq evalwazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar ta' l-istabbiliment partikolari inkwestjoni, il-programm għandu jgħaddi mill-inqas minn spezzjoni waħda fuq il-post ta' kull stabbiliment taħt ir-regolament 8, magħmula mill-awtorità kompetenti kull tnax-il xahar;

(b) wara kull spezzjoni, għandu jitħejja rapport mill-awtorità kompetenti;

(ċ) fejn neċessarju, kull spezzjoni magħmula mill-awtorità kompetenti għandha tkun segwita mill-amministrazzjoni ta' l-istabbiliment, fi żmien raġonevoli wara l-ispezzjoni.

19. (1) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel kull informazzjoni riċevuta skond dawn ir-regolamenti disponibbli għal kull persuna naturali jew ġuridika li titlob dan: Kunfidenzjalità.

Iżda l-informazzjoni miksuba mill-awtorità kompetenti tista' tinżamm kunfidenzjali jekk din tkun tinvolvi:

(i) il-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti,

(ii) il-kunfidenzjalità tar-relazzjonijiet internazzjonali u d-difiża nazzjonali, jew is-sigurtà pubblika,

(iii) il-kunfidenzjalità ta' proċeduri ta' investigazzjoni preliminari jew ta' proċeduri legali kurrenti,

(iv) sigrieti kummerċali u industrijali, inkluża l-proprjetà intellettwali, data personali u/jew files personali,

(v) fatti magħrufa mogħtija minn terza persuna jekk dik il-parti titlob li dawn jibqgħu kunfidenzjali.

(2) Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha żżomm milli l-Gvern jagħmel xi ftehim ma' pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' informazzjoni li tkun moħbija fuq livell intern.

20. (1) Il-ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-regolamenti għandha tiġi kkunsidrata bħala reat. Infurzar.

(2) F'kull proċedura għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jikkonsisti fin-nuqqas ta' konformità ma' dover jew ħtieġa li ssir xi ħaġa għandu jkun l-akkużat li jipprova (skond kif ikun il-każ) li ma kienx prattiku li jsir aktar milli fil-fatt sar biex tkun sodisfatta l-ħtieġa jew id-dover, jew li ma kienx hemm mezz akar prattiku milli fil-fatt intuża biex jitwettaq id-dover jew il-ħtieġa.

(3) (i) L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għandha tkun l-awtorità li tinforza d-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà fi stabbiliment li għalih japplika kull wieħed minn dawn ir-regolamenti.

(ii) L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar għandha tkun l-awtorità li tinforza d-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent fi stabbiliment li għalih japplika kull wieħed minn dawn ir-regolamenti.

(iii) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti preċedenti, l-ebda proċedura m'għandha tittieħed kontra persuna li wara li tirċievi intimazzjoni mill-awtorità kompetenti għall-pagament ta' tariffa amministrattiva minħabba kontravenzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, tħallas dawk il-penali fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dik l-intimazzjoni.

SKEDA 1

Regolamenti 2 u 3(1)

SUSTANZI PERIKOLUŻI LI GĦALIHOM JAPPLIKAW IR-REGOLAMENTI

PARTI 1
Daħla

1. Din l-Iskeda tapplika għall-preżenza ta' sustanzi perikoluż fi stabbiliment u tiddetermina l-applikazzjoni tar-regolamenti relevanti skond ir-regolament 3(1).

2. Taħlitiet u preparamenti għandhom ikunu trattati bl-istess mod bħal sustanzi puri sakemm dawn jibqgħu fil-limiti ta' konċentrazzjoni stipulati skond il-proprjetajiet tagħhom taħt id-disposizzjonijiet relevanti speċifikati f'Parti 3, Nota 1, sakemm ma tkunx speċifikament mogħtija kompożizzjoni ta' perċentwal jew deskrizzjoni oħra.

3. Il-kwantitajiet li jikkwalifikaw stipulat f'Parti 2 u 3 għandhom x'jaqsmu ma' kull stabbiliment.

4. Il-kwantitajiet li għandhom jiġu kkunsidrati għall-applikazzjoni tar-regolamenti relevanti huma l-kwantitajiet massimi preżenti fi żmien partikolari. Għal skopijiet ta' kalkolu tal-kwantità totali preżenti, sustanzi perikoluż preżenti fi stabbiliment fi kwantitajiet daqs jew inqas minn 2 fil-mija tal-kwantità li tikkwalifika relevanti għandhom ikunu injorati jekk il-lokazjoni tagħhom ġo stabbiliment hija tali li ma tistax taġixxi bħala bidu ta' inċidenti kbar x'imkien ieħor fuq il-post.

5. Ir-regoli mogħtija f'Parti 3, Nota 4 li jirregolaw l-għadd ta' sustanzi perikoluż, jew kategoriji ta' sustanzi perikoluż, għandhom japplikaw fejn xieraq.

PARTI 2
Sustanzi Msemmija

Fejn sustanza jew grupp ta' sustanzi elenkati f'din il-Parti jaqaw ukoll f'kategorija tal-Parti 3, għandhom jintużaw il-kwantitajiet li jikkwalifikaw stipulati f'din il-Parti.

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3
Sustanzi perikoluż	Kwantità f'tunellati	
Ammonium nitrate (kif deskritt f'nota1 ta' din il - parti)	350	2,500
Ammonium nitrate (kif deskritt f'nota2 ta' din il - parti)	1,250	5,000
Arsenic pentoxide, arsenic (V) acid and/or salts	1	2
Arsenic trioxide, arsenious (III) acid and/or salts		0.1
Bromine	20	100
Chlorine	10	25
Nickel compounds in inhalable powder form (nickel monoxide, nickel dioxide, nickel sulphide, trinickel disulphide, dinickel trioxide)		1
Ethyleneimine	10	20
Fluorine	10	20
Formaldehyde (concentration =>90%)	5	50
Hydrogen	5	50
Hydrogen chloride (liquefied gas)	25	250
Lead alkyls	5	50

Liquefied extremely flammable gases (including LPG) and natural gas (whether liquefied or not)	50	200
Acetylene	5	50
Ethylene oxide	5	50
Propylene oxide	5	50
Methanol	500	5,000
4, 4-Methylenebis (2-chloraniline) and/or salts, in powder form		0.01
Methylisocyanate		0.15
Oxygen	200	2,000
Toluene diisocyanate	10	100
Carbonyl dichloride (phosgene)	0.3	0.75
Arsenic trihydride (arsine)	0.2	1
Phosphorus trihydride (phosphine)	0.2	1
Sulphur dichloride	1	1
Sulphur trioxide	15	75
Polychlorodibenzofurans and polychlorodibenzodioxins (including TCDD), calculated in TCDD equivalent		0.001
The following CARCINOGENS: *4-Aminobiphenyl and/or its salts, Benzidine and/or salts, Bis(chloromethyl) ether, Chloromethyl methyl ether, Dimethylcarbamoyl chloride, Dimethylnitrosomine, Hexamethylphosphoric triamide, 2-Naphthylamine and/or salts, 1,3 Propanesultone and 4-nitrodiphenyl*		0.001
Automotive petrol and other petroleum spirits	5,000	50,000

Noti

1. ***Ammonium nitrate* (350/2500)**
Dan japplika għal *ammonium nitrate* u *ammonium nitrate compounds* fejn il-kontenut ta' *nitrogen* bħala riżultat ta' *ammonium nitrate* huwa aktar minn 28 fil-mija bl-użin (*compounds* oħrajn minn dawk riferuti għalihom fin-Nota 2) u ta' *aqueous ammonium nitrate solutions* li fihom il-konċentrazzjoni ta' *ammonium nitrate* huwa aktar minn 90 fil-mija fl-użin.

2. ***Ammonium nitrate* (1250/5000)**
Dan japplika għal *simple ammonium – nitrate based fertilisers* konformi mal-ħtiġijiet tar-Regolamenti tal-Fertilizzanti 2002, u għal *composite fertilisers* fejn il-kontenut ta'*nitrogen* bħala riżultat ta' *ammonium nitrate* huwa aktar minn 28 fill-mija fl-użin (*composite fertiliser* jikkontjeni *ammonium nitrate* b'*phosphate* jew *potash*, jew *phosphate* u *potash*).

3. ***Polychlorodibenzofurans* u *polchlorodibenzodioxins*** Il-kwantitajiet ta' *polychlorodibenzofurans* u *polychlorodibenzodioxins* huma kkalkulati skond il-fatturi segwenti:

Fatturi Ekwivalenti Tossiċi Internazzjonali (*ITEF*) għall- *congeners of concern* (*NATO\CCMS*)

2, 3, 7, 8-TCDD	1
1, 2, 3, 7, 8-PeDD	0.5
1, 2, 3, 4, 7, 8-HxCDD *1, 2, 3, 6, 7, 8-HxCDD* *1, 2, 3, 7, 8, 9,-HxCDD*	0.1
1, 2, 3, 4, 6, 7, 8-HpCDD	0.01
OCDD	0.001
2, 3, 7, 8-TCDF	0.1

2, 3, 4, 7, 8-PeCDF	0.5
1, 2, 3, 7, 8-PeCDF	0.05
1, 2, 3, 4, 7, 8-HxCDF *1, 2, 3, 7, 8, 9-HxCDF* *1, 2, 3, 6, 7, 8-HxCDF* *2, 3, 4, 6, 7, 8-HxCDF*	0.1
1, 2, 3, 4, 6, 7, 8-HpCDF *1, 2, 3, 4, 7, 8, 9-HpCDF*	0.01
OCDF	0.001

(*T=tetra, Pe=penta, Hx=hexa, Hp=hepta, O=octa)*

PARTI 3

Kategoriji ta' Sustanzi u Preparamenti mhux speċifikament imsemmijin f'Parti 2

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3
Kategoriji ta' sustanzi perikoluż	Kwantità f'tunnellati	
1. TOSSIĊI ĦAFNA	5	20
2. TOSSIĊI	50	200
3. *OXIDISING*	50	200
4. SPLUSSIVI (fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizjoni mogħtija f'Nota 2(a))	50	200
5. SPLUSSIVI (fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizjoni mogħtija f'Nota 2(b))	10	50
6. FJAMMABBLI (fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizjoni mogħtija f'Nota 3(a))	5,000	50,000
7a. FJAMMABBLI ĦAFNA (fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizjoni mogħtija f'Nota 3(b) (i))	50	200
7b. Likwidi li huma FJAMMABBLI ĦAFNA(fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizzjoni mogħtija f'Nota 3(b) (ii))	5,000	50,000
8. ESTREMAMENT FJAMMABBLI (fejn is-sustanza jew preparazzjoni taqa' fid-definizjoni mogħtija f'Nota 3(ċ))	10	50
9. PERIKOLUŻI GĦAL L-AMBJENT ma' fraži ta' riskju: (i) *R50* "Tossiċi ħafna għal organiżmi akwatiċi"	200	500
(ii) *R51* "Tossiċi għal organiżmi akwatiċi" u *R53* "Jistgħu jikkawżaw effetti avversi fit-tul fl-ambjent akwatiku"	500	2,000
10. KULL KLASSIFIKAZZJONI li ma taqax taħt dawk mogħtija 'l fuq flimkien ma' fraži ta' riskju: (i) *R14* "Jaġġixxi vjolentement ma' l-ilma" (inkluż *R14/15*)	100	500
(ii) *R29* "meta jagħmel kuntatt ma' l-ilma, jillibera gas tossiku"	50	200

Noti

1. Għall-iskopijiet ta' din l-Iskeda, sustanzi u preparamenti għandhom ikunu kklassifikati skond id-Direttivi segwenti (kif emendati) u l-addattament kurrenti tagħhom għal progress tekniku:

- Direttiva tal-Kunsill *67/548/EEC* tas-27 ta' Ġunju 1967 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' klassifikazzjoni, ippakkjar u mmarkar ta' preparamenti perikolużi,

- Direttiva tal-Kunsill *88/379/EEC* tas-7 ta' Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' Stati Membri ta' l-UE li għandhom x'jaqsmu ma' klassifikazzjoni, ippakkjar u mmarkar ta' preparamenti perikolużi,

- Direttiva tal-Kunsill *78/631/EEC* tas-26 ta' Ġunju 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' Stati Membri ta' l-UE li għandhom x'jaqsmu ma' klassifikazzjoni, ippakkjar u ittekkjettar ta' preparamenti perikolużi (pestiċidi).

Fil-każ ta' sustanzi u preparamenti li m'humhiex ikklassifikati bħala perikolużi skond id-Direttivi t'hawn fuq iżda li madankollu huma preżenti, jew li jistgħu jkunu preżenti, fi stabbiliment u li jippossjedu jew li jistgħu jippossjedu, taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istabbiliment, propjetajiet ekwivalenti f'termini ta' potenzjali għal inċident kbir, il-proċeduri għal klassifikazzjoni temporanja għandhom ikunu segwiti skond l-Artikolu relevanti tad-Direttiva xierqa.

Fil-każ ta' sustanzi u preparamenti bi proprjetajiet li jwasslu għal aktar minn klassifikazzjoni waħda, għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regolamenti għandhom japplikaw l-aktar *thresholds* baxxi.

2. "Splussiv" tfisser:

(a) (i) sustanza jew preparament li jikkreaw ir-riskju ta' splużjoni minn xokk, frizzjoni, nar jew sorsi oħra ta' tqabbid (fraži ta' riskju *R 2*),

(ii) sustanza tal-*pyrotechnic* hija sustanza (jew taħlita ta' sustanzi) magħmula biex tipprovdi s-sħana, dawl, ħoss, gass jew duħħan jew taħlita ta' dawn l-effetti minn reazzjonijiet kimiċi li huma *non-detonating self-sustained exothermic,* jew

(iii) splussiv jew sustanza *pyrotechnic* jew preparament f'oġġetti;

(b) sustanza jew preparazzjoni li toħloq riskji estremi ta' splużjoni minn xokk, frizzjoni, nar jew sorsi oħra ta' tqabbid (fraži ta' riskju *R 3*).

3. "Fjammabbli", "fjammabbli ħafna", u "estremament fjammabbli" f'kategoriji 6, 7, u 8 ifissru:

(a) likwidi fjammabbli -
sustanzi u preparamenti li għandhom *flash-point* daqs jew ikbar minn 21° C u inqas minn jew daqs 55° C (fraži ta' riskju *R 10*), li jsaħħu l-kombustjoni;

(b) likwidi fjammabbli ħafna -
(i)- sustanzi u preparamenti li jistgħu jisħnu u finalment jieħdu n-nar meta jiġu f' kuntatt ma' l-arja f'temperatura ambjentali mingħajr id-dħul ta' enerġija (fraži ta' riskju *R 17*), - sustanzi li għandhom *flash point* inqas minn 55° C u li jibqgħu likwidi taħt pressjoni, fejn kundizzjonijiet ta' pproċessar partikolari, bħal pressjoni għolja jew temperatura għolja, jistgħu jikkreaw perikli għal inċidenti kbar,

(ii)sustanzi u preparamenti li għandhom *flash-point* inqas minn 21° C u li m'humhiex estremament fjammabbli (fraži ta' riskju *R 11*, tieni subinċiż);

(ċ) gassijiet u likwidi estremament fjammabbli –
(i) sustanzi likwidi u preparamenti li għandhom *flash point* inqas minn 0^0 C u li l-*boiling point* tagħhom (jew, fil-każ ta' *boiling range*, l-ewwel *boiling point*)

f'pressjoni normali huwa inqas minn, jew daqs 35°C (frażi ta' riskju *R 12*, l-ewwel subinċiż), u

(ii) sustanzi gassużi u preparamenti li huma fjammabbli meta jagħmlu kuntatt ma' arja f'temperatura u pressjoni ambjentali (frażi ta' riskju *R 12*, tieni subinċiż), jekk jinżamm jew le fl-istat gassuż jew likwidu taħt pressjoni ambjentali, eskluži gassijiet likwidi estremament fjammabbli (inkluži *liquid petroleum gas*) u *natural gas* imsemmi f'Parti 2, u

(iii) sustanzi likwidi fjammabbli u preparamenti mantenuti f'temperatura aktar għolja mill-*boiling point* tagħhom.

4. L- addizzjoni ta' sustanzi perikoluži biex tiġi ddeterminata l-kwantità preżenti fi stabbiliment għandha tkun skond ir-regola segwenti, jekk is-somma:

$$q_1/Q+q_2/Q+q_3/Q+q_4/Q+q_5/Q+ \ldots >1$$

fejn

q_x = il-kwantità ta' sustanzi perikoluži x (jew kategorija ta' sustanzi perikoluži) li huma taħt Partijiet 2 jew 3 ta' din l-Iskeda,

Q = it-*treshold* relevanti tal-kwantita' minn Partijiet 2 jew 3,

imbagħad l-istabbiliment jaqa' taħt il-ħtiġijiet relevanti ta' dawn ir-Regolamenti, din ir-regola għandha tapplika għall-kundizzjonijiet segwenti –

(a) għal sustanzi u preparamenti li jidhru f'Parti 2 fi kwantitajiet inqas mill-kwantità kwalifikanti individwali tagħhom b'sustanzi li għandhom l-istess klassifikazzjoni minn Parti 3, u l-addizzjoni ta' sustanzi u preparamenti bl-istess klassifikazzjoni minn Parti 3;

(b) għall-addizzjoni ta' kategoriji 1, 2 u 9 preżenti flimkien fi stabbiliment;

(ċ) għall-addizzjoni ta' kategoriji 3, 4, 5, 6, 7a, 7b, u 8, preżenti flimkien fi stabbiliment.

SKEDA 2

Regolament 7(3)

PRINĊIPJI LI GĦANDHOM JITQIESU META JSIRU PREPARAMENTI GĦAD-DOKUMENT TAL-POLITIKA GĦALL-PREVENZJONI TA' INĊIDENTI KBAR

1. Għal skop ta' implimentazzjoni tal-politika ta' l-operatur dwar il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar u ta' sistema amministrattiva għas-sigurtà għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-elementi segwenti. Il-ħtiġijiet stipulati fid-dokument tal-politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar għandhom ikunu proporzjonali għall-perikli ta' inċidenti kbar preżenti fl-istabbiliment.

2. Il-politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar għandha tkun stipulata bil-miktub u għandha tinkludi l-iskopijiet kollha u l-prinċipji ta' azzjoni ta' l-operatur fejn jidħol il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar.

3. Is-sistema amministrattiva tas-sigurtà għandha tinkludi l-parti tas-sistema ġenerali ta' amministrazzjoni li tinkludi l-istruttura organizzazzjonali, responsabbilitajiet, prassi, proċeduri u riżorsi għad-determinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar.

4. Il-kwistjonijiet segwenti għandhom ikunu ndirizzati mis-sistema amministrattiva tas-sigurtà–

(a) organizzazzjoni u persunal - ir-rwoli u responsabbilitajiet ta' persunal involut fl-amministrazzjoni ta' perikli kbar fil-livelli kollha ta' l-organizzazzjoni. L-identifikazzjoni ta' bżonnijiet ta' taħriġ ta' dan il-personal u l-għoti tat-taħriġ hekk identifikat. L-involviment ta' impjegati u, fejn xieraq, sub-kuntratturi;

(b) identifikazzjoni u evalwazzjoni ta' perikli kbar - addozzjoni u implimentazzjoni ta' proċeduri għall-identifikazzjoni sistematika ta' perikli kbar li jirriżultaw mill-operat normali u mhux normali u l-evalwazzjoni tal-possibilità u severità tagħhom;

(ċ) kontroll operazzjonali - addozzjoni u implimentazzjoni ta' proċeduri u struzzjonijiet għall-operat tas-sigurtà, inklużi manteniment ta' l-impjant, proċessi, tagħmir u waqfiet temporanji;

(d) amministrazzjoni ta' bidla - adozzjoni u implimentazzjoni ta' proċeduri għall-ippjanar ta' modifikazzjonijiet lil, jew fid-disinn ta' stallazzjonijiet ġodda, proċessi jew faċilitajiet ta' ħażna;

(e) ippjannar għal emerġenzi - adozzjoni u implimentazzjoni ta' proċeduri biex jiġu identifikati emerġenzi minn qabel b'analiżi sistematika u biex jiġu ppreparati, eżaminati u riveduti pjanijiet ta' emerġenza biex jirrispondu għal dawn l-emerġenzi;

(f) monitoraġġ tal-qadi - addozzjoni u implimentazzjoni ta' proċeduri għall-evalwazzjoni kontinwa tal-konformità ma' l-objettivi mniżżla mill-politika ta' l-operatur dwar il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar u sistema tas-sigurtà amministrattiva, u l-mekkaniżmi għal investigazzjoni u teħid ta' azzjoni korrettiva fill-każ ta' nuqqas ta' konformità. Il-proċeduri għandhom ikopru s-sistema ta' l-operatur għar-rappurtaġġ ta' inċidenti kbar jew inċidenti li ġew evitati bl-eżatt, partikolarment dawk li jinvolvu nuqqas ta' miżuri prottettivi, u l-investigazzjoni tagħhom u li jiġu segwiti a bażi tal-lezzjonijiet mgħallma;

(ġ) eżami u reviżjoni - adozzjoni u implimentazzjoni ta' proċeduri għall-evalwazzjoni perjodika sistematika tal-politika għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar u l-effettività u l-adekwatezza tas-sistema amministrattiva tas-sigurtà, ir-reviżjoni dokumentata tal-funzjoni tal-politika u s-sistema amministrattiva tas-sigurtà u l-aġġornament mill-amministrazzjoni għolja.

SKEDA 3

KONTENUT TAR-RAPPORTI TAS-SIGURTÀ

(informazzjoni minima li għandha tiġi inkluża f'rapport tas-sigurtà)

L-informazzjoni msemmija fir-regolamenti 8 u 9 hija hekk –

1. Informazzjoni fuq is-sistema amministrattiva u fuq l-organizzazzjoni ta' l-istabbiliment bl-għan ta' prevenzjoni ta' inċidenti kbar.

Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-elementi stipulati fl-Iskeda 2.

2. Preżentazzjoni ta' l-ambjent ta' l-istabbiliment:

(a) deskrizzjoni taż-żona u l-ambjent tagħha inklużi l-lokazzjoni ġeografika, kundizzjonijiet meteoroloġiċi, ġeografiċi, idrografiċi u, jekk neċessarju, l-istorja tagħha;

(b) identifikazzjoni ta' stallazzjonijiet, u attivitajiet oħra ta' l-istabbiliment li jistgħu jippreżentaw periklu ta' inċident kbir;

(ċ) deskrizzjoni ta' żoni fejn jistgħu isseħħu inċidenti kbar.

3. Deskrizzjoni ta' stallazzjoni:

(a) deskrizzjoni ta' l-attivitajiet prinċipali u prodotti tal-partijiet ta' l-istabbiliment li huma importanti min-naħa ta' sigurtà, sorsi ta' riskji ta' inċidenti kbar u kundizzjonijiet li taħthom jista' jseħħ inċident kbir, flimkien ma' deskrizzjoni ta' miżuri preventivi proposti;

(b) deskrizzjoni ta' proċessi, partikolarment il-metodi ta' l-operat;

(ċ) deskrizzjoni ta' sustanzi perikolużi;

(i) inventarju ta' sustanzi perikoluzi inklużi -
l-identifikazzjoni ta' sustanzi perikoluži, isem kimiku, in-numru allokat lis-sustanza mill- *Chemicals Abstracts Service,* isem skond in-nomenklatura tal-*Union of Pure and Applied Chemistry,* il-kwantità massima ta' sustanzi perikoluži preżenti;

(ii) karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, tossikoloġiċi u indikazzjoni tal-perikli, kemm immedjati kif ukoll dewwiema għan-nies u għall-ambjent;

(iii)azzjoni fiżika u kimika taħt kundizzjonijiet ta' użu normali jew taħt kundizzjonijiet li jistgħu jikkawżaw l-inċidenti.

4. Identifikazzjoni u analiżi ta' riskji inċidentali u metodi ta' prevenzjoni:

(a) deskrizzjoni dettaljata tax-xeni ta' inċidenti kbar l-aktar possibbli u l-probabilità jew il-kundizzjonijiet li jseħħu taħthom inkluża dikjarazzjoni sommarja ta' l-eventi li jista' jkollhom rwol li jwassal għal dawn ix-xeni, il-kawżi jkunu interni jew esterni għall-istallazzjoni;

(b) evalwazzjoni tad-daqs u l-gravità tal-konsegwenzi ta' inċidenti kbar identifikati;

(ċ) deskrizzjoni tal-parametri tekniċi u t-tagħmir użat għas-sigurtà ta' l-istallazzjonijiet.

5. Miżuri ta' protezzjoni u intervent sabiex jiġu limitati l-konsegwenzi ta' inċident:

(a) deskrizzjoni ta' l-apparat installat fl-impjant biex jiġu llimitati l-konsegwenzi ta' inċidenti kbar;

(b) organizazzjoni ta' twissija u intervent;

(ċ) deskrizzjoni ta' riżorsi li jistgħu jiġu mmobilizzati , interni jew esterni;

(d) dikjarazzjoni sommarja tal-elementi deskritti f'sotto-paragrafi (a), (b) u (ċ) neċessarji għat-tfassil tal-pjan ta' emerġenza intern.

SKEDA 4

PJANIJIET TA' EMERĠENZA

Parti 1

informazzjoni li għandha tkun inkluza fil-pjan ta' emerġenza intern

L-informazzjoni imsemmija f'regolament 10(1) hija hekk-

1. ismijiet jew pożizzjonijiet ta' persuni awtorizzati li jagħtu bidu għall-proċeduri ta' emerġenza u l-persuna li tieħu ħsieb tikkoordina l-azzjoni mitigatorja ta' fuq il-post;

2. isem jew pożizzjoni tal-persuna responsabbli għall-arranġamenti ma' l-awtorità lokali responsabbli għall-preparazzjoni ta' pjan ta' emerġenza 'il barra mis-sit;

3. għal kundizzjonijiet jew eventi prevedibbli li jistgħu jkunu sinifikanti f'inċident kbir, deskrizzjoni ta' l-azzjoni li għandha tittieħed biex jiġu kkontrollati l-kundizzjonijiet u biex jillimitaw il-konsegwenzi tagħhom, inkluża deskrizzjoni ta' l-apparat tas-sigurtà u r-riżorsi disponibbli;

4. arranġamenti għal-limitazzjoni tar-riskji għal persuni fuq il-post inkluż kif għandhom jingħataw it-twissijiet u l-azzjonijiet li persuni huma mistennija li jieħdu meta jirċievu twissija;

5. arranġamenti biex tiġi provduta twissija, kemm jista jkun malajr, ta' l-inċident lill-awtorità lokali responsabbli għall-pjan ta' emerġenza 'l barra mis-sit, it-tip ta' informazzjoni li għandu jkun hemm fi twissija inizjali u l-arranġementi għall-provvediment ta' informazzjoni aktar dettaljata meta ssir disponibbli;

6. arranġamenti għat-taħriġ ta' l-impjegati dwar id-doveri li għandhom, u fejn neċessarju il-koordinazzjoni mas-servizzi ta' emerġenza ;

7. arranġamenti biex tiġi provvduta azzjoni mitigatorja 'il barra mis-sit.

Parti 2

informazzjoni li għandha tkun inkluza fil-pjan ta' emerġenza estern

L-informazzjoni imsemmija fir-regolament 10 (4) hija hekk –

1. l-ismijiet jew pożizzjonijiet ta' persuni awtorizzati li jagħtu bidu għall-proċeduri ta' emerġenza u ta' persuni awtorizzati li jieħdu ħsieb u jikkoordinaw l-azzjoni 'l barra mis-sit;

2. arranġementi biex tiġi riċevuta twissija aktar kmieni ta' inċidenti, u twissija u *call-out procedures*;

3. arranġementi għall-koordinazzjoni ta' riżorsi neċessarji biex jiġu mplimentati l-pjanijiet ta' emerġenza 'l barra mis-sit;

4. arranġementi biex tiġi provvduta assistenza ma' azzjoni mitigatorja fuq il-post;

5. arranġementi għal azzjoni mitigatorja 'l barra mis-sit;

6. arranġementi biex tingħata informazzjoni speċifika lill-pubbliku li għandha x'taqsam ma' l-inċident u kif għandu jagixxi;

7. arranġamenti għall-għoti ta' informazzjoni lis-servizzi ta' emerġenza ta' Stati oħra fil-każ ta' inċident kbir b'konsegwenzi transkonfini.

SKEDA 5

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-PUBBLIKU

L-informazzjoni msemmija fir-regolament 12(1) hija hekk –

1. l-isem ta' l-operatur u l-indirizz ta' l-istabbiliment;
2. identifikazzjoni, mill-pożizzjoni tiegħu, tal-persuna li qed tagħti l-informazzjoni;
3. konferma li l-istabbiliment huwa suġġett għal dawn ir-regolamenti u li n-notifika msemmija fir-regolament 6 jew ir-rapport ta' sigurtà ingħatat lill-awtorità kompetenti;
4. spjegazzjoni f'termini sempliċi ta' l-attività jew attivitajiet meħudin fl-istabbiliment;
5. l-ismijiet komuni jew, fil-każ ta' sustanzi perikolużi li jaqgħu taħt Parti 3 ta' Skeda 1, l-ismijiet ġeneriċi jew il-klassifikazzjoni ta' perikli ġenerali tas-sustanzi u l-preparamenti involuti fl-istabbiliment li jistgħu iwasslu għal inċident kbir, b'indikazzjoni tal-karatteristiċi perikolużi prinċipali tagħhom;
6. informazzjoni ġenerali dwar in-natura tal-perikli ta' inċidenti kbar, inklużi l-effetti potenzjali tagħhom fuq il-popolazzjoni u l-ambjent;
7. informazzjoni adegwata fuq l-azzjonijiet fuq kif il-popolazzjoni konċernata għandha tkun avżata u informata fil-każ ta' inċident kbir;
8. informazzjoni adegwata dwar l-azzjonijiet li għandha tieħu l-popolazzjoni involuta, u fuq l-imġieba tagħha, fil-każ ta' inċident kbir;
9. konferma li l-operatur huwa rikjest li jagħmel arranġamenti adegwati fuq il-post, in partikolari in konnessjoni mas-servizzi ta' emerġenza, biex jieħu ħsieb inċidenti kbar u biex inaqqsu l-effetti tagħhom;
10. riferenza għal pjan ta' emerġenza 'l barra mis-sit għall-istabbiliment. Dan għandu jinkludi parir biex jikkoopera ma' istruzzjonijiet jew rikjesti minn servizzi ta' emerġenza fil-ħin ta' l-inċident;
11. dettalji ta' fejn aktar informazzjoni relevanti jistgħu jinstabu, sakemm l-għoti ta' dik l-informazzjoni ma tkunx kuntrarja għall-interessi ta' sigurtà nazzjonali jew konfidenzjalità personali jew tippreġudika sa grad irraġonevoli l-interessi kummerċjali ta' xi persuna.

SKEDA 6

KRITERJI GĦAN- NOTIFIKA TA' INĊIDENTI KBAR LIL KORPI INTERNAZZJONALI U INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN NOTIFIKATA

Il-kriterji imsemmija fir-regolament 15(1) huma dawn li-ġejjin:

1. Kull inċident li jaqa' taħt is-sotto-paragrafu (a) jew li jħalli mill-inqas wieħed mill-konsegwenzi deskritti f'paragrafi (b), (ċ), (d) u (e) għandu jkun notifikat lill-korp internazzjonali -

(a) sustanzi involuti;

kull nar jew splużjoni jew telf inċidentali ta' sustanza perikoluża li jinvolvu kwantità ta' mill-anqas 5 fil-mija tal-kwantità li tikkwalifika stipulata fil-kolonna 3 ta' Parti 2 jew 3 tal-Iskeda 1;

(b) dannu fuq persuni u ħsara fuq il-propjetà;

inċident li jinvolvi direttament sustanza perikoluża u li jwassal għal xi wieħed minn dawn li ġejjin –

(i) mewt,
(ii) sitt persuni mweġgħa' fl-istabbiliment u miżmuma l-isptar għal mill-inqas 24 siegħa,
(iii) persuna waħda barra l-istabbiliment li tinżamm l-isptar għal mill-inqas 24 siegħa,
(iv) djar barra l-istabbiliment li jsofru ħsara u li ma jistgħux jintużaw bħala riżultat ta' l-inċident,
(v) l-evakwazzjoni jew iż-żamma ta' persuni għal aktar minn sagħtejn (persuna x siegħat): il-valur huwa mill-inqas 500,
(vi) l-interruzzjoni ta' ilma għax-xorb, servizzi tad-dawl, gass jew telefon għal aktar minn sagħtejn (persuni x siegħat)il-valur huwa minn l-anqas 1,000;

(ċ) ħsara immedjata lill-ambjent;

(i) ħsara permanenti jew fit-tul lill-abitanti fuq l-art:-

- 0.5 ettari jew aktar ta' abitat ta' importanza ambjentali jew ta' konservazzjoni protetti minn leġislazzjoni,
- 10 jew aktar ettari ta' abitat aktar mifrux, inkluża art agrikola;

(ii) ħsara sinifikanti jew fit-tul lil abitanti fl-ilma frisk u marittimu:

- 10 km jew aktar ta' xmara jew kanal,
- 1 ettaru jew aktar ta' lag jew għadira,
- 2 ettari jew aktar ta' delta,
- 2 ettari jew aktar ta' kosta jew baħar miftuħ;

(iii) ħsara sinifikanti lil *aquifer* jew ilma ta' taħt l-art

- 1 ettari jew aktar;

(d) ħsara lill-propjetà

(i) ħsara lill-propjetà fl-istabbiliment ta' mill-anqas 2 miljun euro,

(ii) ħsara lill-propjetà barra mill-istabbiliment ta' mill-anqas 0.5 miljun euro;

(e) dannu transkonfini:

inċident li direttament jinvolvi sustanza perikoluża u li jwassal għal effetti barra mit-terittorju ta' Stat konċernat;

2. Inċidenti jew 'kważi' li jistgħu jitqiesu mill-awtorità kompetenti bħala li huma ta'interess partikolari tekniku għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar u li jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom u li ma jilħqux il-kriterji kwantitattivi msemmija hawn qabel għandhom ikunu notifikati lill-korp internazzjonali.